MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 430/1992/1

**Ic-*Chairman* tal-Korporazzjoni ghas-Servizz ta' l-Ilma ghan-nom ta' l-istess Korporazzjoni u ghan-nom tal-Korporazzjoni ta' l-Enemalta u bhala successur tal-*Manager* tad-Dipartiment ta' l-Ilma.**

**vs.**

**Joseph Bugeja u b'digriet tal-10 ta' Marzu 1993 giet kjamata in kawza Louise Russell legalment separata minn zewgha Roy Russell u b'digriet tat-13 ta' Mejju 1996 gie kjamat in kawza Roy Russell u b'digriet tad-9 ta' Jannar 1998 Roy Russell gie estromess mill-atti tal-kawza u b'digriet tal-Qorti tat-23 ta' Jannar 2003 gew nominati bhala deputati kuraturi Dr. Vincent Galea u l-P.L. Veronica Rossignaud biex jirrapprezentaw lill-imsemmija Louise Russell fl-atti ta' din il-kawza u fl-atti l-ohra kollha relattivi u sussegwenti.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 22 ta' April 1992 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri fejn gie premess:-

Illi l-konvenut ghandu jaghti lill-atturi *nomine* s-somma ta' seba' mija tmienja u ghoxrin lira maltin, hdax-il centezmu u erba' millezmi (Lm728.11,4) dovuta ghas-servizz ta' ilma u ta' elettriku, u ghall-kiri tal-*meters* relattivi fil-fond Villa Russell Torreggiani Gardens, High Ridge, St. Andrews, matul il-perijodu mill-5 ta' Awissu sat-23 ta' Novembru 1984, skond kif jirrizulta mill-anness kont immarkat Dok "A", u dan ghaliex matul dan il-perijodu hu kien il-konsumatur registrat;

Illi l-konvenut ma hallasx dan l-ammont ghalkemm interpellat, liema ammont hu cert, likwidu u skadut u ghat-talba ta' l-attur *nomine*, il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet xi jgib;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tghaddi biex tiddeciedi fuq it-talba ta' l-attur *nomine* u dan bid-dispensa tas-smiegh kif hemm mahsub fl-**artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduri Civili**, *a tenur* tad-dikjarazzjoni ta' l-attur *nomine*.

2. Tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-attur *nomine* somma ta' seba' mija tmienja u ghoxrin lira Maltin, hdax-il centezmu u erba' millezmi (Lm728.11,4).

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tal-11 ta' Marzu 1987 u tal-15 ta' Ottubru 1990, u bl-imghax legali kontra l-konvenut li hu mharrek ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 7 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokument esebit u mmarkat bhala Dok “A” a fol. 8 sa 10 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri ghas-seduta tas-27 ta’ April 1992.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri tas-27 ta’ April 1992; tad-29 ta’ April 1992; u tal-4 ta’ Mejju 1992 fejn l-konvenut sostna li huwa ma huwiex il-konsumatur registrat u talab li jinghata li jipprezenta eccezzjonijiet u fil-fatt inghata l-fakolta’ li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet (fol.15).

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Bugeja datata 4 ta’ Mejju 1992 a fol. 17 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi l-azzjoni odjerna hija preskritta *a tenur* ta’ l-**artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili.**

2. Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghall-premess, il-konvenut qatt ma kien il-konsumatur registrat tal-fond in kwistjoni *stante* illi l-unika konnessjoni li huwa kellu mill-fond kien li kkostruwixxa l-istess fond fuq inkarigu ta’ Mr. Roy Russell u martu Louise Russell nee` Deguara.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta a fol. 17 u 18 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri tat-2 ta’ Ottubru 1992 u tad-9 ta’ Dicembru 1992 (fol.20) fejn meta ssejhet il-kawza deher l-Avukat tar-Repubblika Victor Zammit ghall-attur *nomine* u l-konvenut assistit minn Dr. Edward Debono. Dr. Victor Zammit talab korrezzjoni tac-citazzjoni fis-sens li wara l-kelma “Awissu” fil-korp tac-citazzjoni jizdied in-numru “1983”. Dr. Edward

Debono ghall-konvenut ma opponiex. Inghata digriet. Il-Qorti kif diversament presjeduta, wara li rat l-**artikolu 175 tal-Kap 12**, laqghet it-talba u awtorizzat il-korrezzjoni. Dr. Edward Debono ddikjara li ser jaghti eccezzjoni ulterjuri dwar in-nullita` tac-citazzjoni *stante* illi c-*Chairman* tal-Korporazzjoni ghas-Servizz ta' l-Ilma ma setax jidher ghan-nom tal-Korporazzjoni EneMalta *stante* li hija Korporazzjoni prezenti f'Malta. Il-kawza giet differita ghall-10 ta' Marzu 1993 ghall-prezentata tan-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri; u tal-10 ta' Marzu 1993 fejn dehru Dr. Victor Zammit ghall-attur *nomine* u Dr. Edward Debono ghall-konvenut. Dr. Edward Debono ddikjara illi l-eccezzjoni ulterjuri li kien bihsiebu jaghmel mhux ser jaghmilha u talab minflok il-kjamat in kawza ta' Louise Russell legalment separata minn zewgha Roy Russell residenti "Villa Russell" Torreggiani Gardens, High Ridge, St. Andrews. Dr. Victor Zammit ghall-attur ma opponiex. Inghata digriet. Il-Qorti, kif diversament presjeduta, billi dehrilha illi Louise Russell jista' jkollha nteress fl-ezitu tal-kawza u wara li rat illi l-attur ma opponiex, laqghet it-talba u ordnat l-kjamat in kawza ta' Louise Russell legalment separata minn zewgha Roy Russell u ordnat in-notifka tal-kjamat in kawza a spejjes provvizorjament tal-konvenut. Il-kawza giet differita ghat-28 ta' April 1993 ghan-notifika tal-kjamat in kawza; tat-28 ta' April 1993; u tad-9 ta' Gunju 1993.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Louise Russell datata 8 ta' Gunju 1993 a fol. 30 ta' process fejn gie eccepit:

1. Illi l-kawza taghha ta' separazzjoni kontra zewgha ghadha *sub judice* u kwindi legalment ma tistax titqies li hija separata minn ma' zewgha. Isegwi minn dan li l-eccipjenti mhix il-legittima kontradittrici ta' l-attur.

2. Bla pregudizzju ghall-premess illi sa fejn taf hija l-ammont reklamat, *sia pure* li jirriferixxi ghall-perijodu meta l-eccippjenti kienet ghadha qed tghix ma' zewgha fid-dar konjugali taghhom, mhux dovut *stante* li ghaddew aktar minn hames snin minn meta potenzjalment seta' kien dovut (minn zewgha) u ghalhekk *ai termini* tal-Ligi – l-

**artikolu 2261 (f) tal-Kodici Civili** antik – dan l-ammont jinsab illum, preskritt.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta Louise Russell a fol. 30 u 31 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenut Joseph Bugeja datata 4 ta’ Ottubru 1993 a fol. 33 tal-process li permezz taghha pprezenta tliet dokumenti li huma mmarkata bhal Dok “A”, Dok “B”, Dok “C”.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri tad-29 ta’ Ottubru 1993; tal-1 ta’ Dicembru 1993 fejn Dr. Victor Zammit ghall-attur ipprezenta nota b’zewg dokumenti; u tal-4 ta’ Marzu 1994.

Rat in-nota ta’ l-attur *nomine* datata 4 ta’ April 1994 li permezz taghha pprezenta kopja tas-sentenza fl-ismijiet: “***Manager* tad-Dipartiment ta’ l-ilma, f’isem l-istess dipartiment u ghan-nom ta’ l-Enemalta vs Roy Alexander Russell”**, tat-2 ta’ Gunju 1986.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri tad-9 ta’ Novembru 1994 fejn xehed il-konvenut dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Dr. Debono u Dr. Schembri ddikjaraw li rtiraw l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni *a tenur* ta’ l-**artikolu 2156 (f)** tal-Kodici Civili u ddikjaraw ukoll illi ghandhom jaghtu eccezzjoni tal-preskrizzjoni ulterjuri *a tenur* ta’ l-**artikolu 2149 (e)** tal-Kodici Civili. Il-kawza giet differita ghat-3 ta’ Marzu 1995 ghall-prezentata tan-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri; u tat-3 ta’ Marzu 1995.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri ta’ Joseph Bugeja pprezentata *seduta stante* fis-seduta ta’ 3 ta’ Marzu 1995 (fol. 69) fejn gie eccepit:

1. Illi d-domanda attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjes *in vista* li hija preskritta *ai termini* ta’ l-**artikolu 2149 (e)** tal-Kodici Civili.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri tas-27 ta’ Ottubru 1995; tal-1 ta’ Marzu 1996 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Franco Bondin u Dr. Anna Mallia, avukat tar-Repubblika, ghall-attur *nomine* u l-konvenut assistit minn Dr. Edward Debono. Il-kawza giet deciza *in parte*. Il-kawza giet differita ghat-13 ta’ Mejju 1996 ghall-kontinwazzjoni.

Rat is-sentenza *in parte* moghtija mill-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri fejn iddecidiet billi cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut u l-kjamat fil-kawza.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-kjamat in kawza Louise Russell datata 11 ta’ Novembru 1994 fejn eccipiet:

1. Illi d-domanda attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjes *in vista* li hija preskritta *ai termini* ta’ l-**artikolu 2149** (e) tal-Kodici Civili.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri tat-13 ta’ Mejju 1996 (fol. 82) fejn deher Dr. Franco Bondin, Avukat tar-Repubblika, ghall-korporazzjoni attrici u l-konvenut sprovist mill-avukat u l-kjamat fil-kawza Russell, assistit minn Dr. Joseph A. Schembri. Dr. Edward Debono ssejjah tliet darbiet baqa’ ma deherx. Dr. Schembri talab il-kjamat in kawza ta’ Roy Russell, li huwa legalment separat minn martu, u li joqghod 31, Manuel Street, Gzira. Dr. Bondin ma opponiex. Inghata digriet. Il-Qorti, kif diversament presjeduta, billi dehrilha illi Roy Russell jista’ jkollu nteress

fl-ezitu ta' din il-kawza; laqghet it-talba u ordnat il-kjamat fil-kawza ta' Roy Russell a spejjes provvizorjament tal-kjamat fil-kawza Louise Russell. Il-kawza giet differita ghat-28 ta' Gunju 1996 ghan-notifika tal-kjamat fil-kawza Roy Russell; tat-28 ta' Gunju 1996; tas-16 ta' Ottubru 1996; tat-3 ta' Frar 1997; tal-21 ta' April 1997; tat-23 ta' Gunju 1997; u tal-5 ta' Dicembru 1997.

Rat ir-rikors ta' Louise Russell datat 5 ta' Jannar 1998 a fol. 91 tal-process fejn l-esponenti ma nsistix ghall-kjamat fil-kawza ta' Roy Russell u talab *'contrario imperio'*, illi ma ghandhiex issir il-kjamat fil-kawza ta' Roy Russell u dan isir taht dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti joghgobha timponi.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri tad-9 ta' Jannar 1998 fejn meta ssejhet il-kawza deher il-konvenut Bugeja assistit minn Dr. Edward Debono. L-attur u Dr. Franco Bondin, Avukat Anzjan tar-Repubblika ssejhu tliet darbiet ma dehrux. Dr. Edward Debono ddikjara li huwa jaderixxi mat-talba tal-kjamat fil-kawza tal-5 ta' Jannar 1998. Dr. Bondin rega' gie msejjah tliet darbiet u baqa' ma deherx. Inghata digriet. Il-Qorti, ipprovdiet fuq ir-rikors tal-kjamat fil-kawza Louise Russell billi laqghet it-talba u filwaqt illi rrevokat *'contrario imperio'* d-digriet taghha tat-13 ta' Mejju 1996 ordnat li Roy Russell jigi estromess mill-atti tal-kawza. Il-kawza giet differita ghall-25 ta' Marzu 1998 ghall-kontiwazzjoni; tal-25 ta' Marzu 1998; tas-27 ta' April 1998; tal-10 ta' Gunju 1998; u tat-18 ta' Novembru 1998 (fol. 98) fejn meta ssejhet il-kawza deher il-konvenut Bugeja sprovist mill-avukat. Dr. Franco Bondin, Dr. Edward Debono, Dr. Malcolm Mifsud u Dr. Joseph A. Schembri ssejhu tliet darbiet baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita *Sine Die*.

Rat ir-rikors tac-*Chairman* tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma datat 19 ta' Novembru 1998 a fol. 99 tal-process fejn l-esponenti talab lill-Qorti joghgobha tordna r-riappuntament tal-kawza odjerna sabiex din tkun tista' tkompli tigi deciza. Il-Qorti kif diversament presjeduta

laqghet it-talba u rriappuntat il-kawza ghas-smiegh ghat-12 ta’ Mejju 1999.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri tat-12 ta’ Mejju 1999 u tal-24 ta’ Novembru 1999 (fol. 104) fejn meta ssejhet il-kawza deher il-konvenut Bugeja assistit minn Dr. Edward Debono. L-attur u d-difensur tieghu Dr. Guido Pace Spadaro ssejhu tliet darbiet baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita *Sine Die.*

Rat ir-rikors tac-*Chairman* tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta‘ l-Ilma pprezentat fir-Registru fis-7 April 2000 a fol. 105 tal-process fejn talab lill-Onorabbli Qorti joghgobha tordna r-riappuntament tal-kawza odjerna sabiex din tkun tista’ tkompli tigi deciza. Il-Qorti kif hekk presjeduta, laqghet it-talba u rriappuntat il-kawza ghas-smiegh ghad-9 ta’ Gunju 2000.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tad-9 ta’ Gunju 2000; tat-18 ta’ Ottubru 2000; tas-6 ta’ Dicembru 2000; tas-27 ta’ Frar 2001; u tal-25 ta’ April fejn deher il-konvenut. Il-kawza giet differita *Sine Die*. Aktar tard deher Dr. Pace Spadaro li ha konjizzjoni tal-verbal.

Rat ir-rikors tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma datata 26 ta’ April 2001 a fol. 122 tal-process fejn talab lill-Onorabbli Qorti joghgobha tordna r-riappuntament tal-kawza odjerna sabiex din tkun tista’ titkompla u tigi deciza. Il-Qorti, kif presjeduta, laqghet it-talba u rriappuntat il-kawza ghat-3 ta’ Lulju 2001.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tat-3 ta’ Lulju 2001 u tat-22 ta’ Novembru 2001 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Pace Spadaro ghas-socjeta` attrici. Xehed bil-gurament il-Marixxall Raymond Falzon. Il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghas-27 ta’ Frar 2002; u tas-27 ta’ Frar 2002.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David

Scicluna tas-17 ta' Mejju 2002 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Pace Spadaro ghall-Korporazzjoni attrici li nforma lill-Qorti li sar jaf li Louise Russell tinsab imsiefra u ghalhekk ipprezenta rikors ghall-hrug ta' bandu ghall-kuraturi. Deher ukoll il-konvenut assistit minn Dr. Edward Debono. Il-kawza giet differita sabiex issir notifika opportuna ghat-2 ta' Lulju 2002; u tat-2 ta' Lulju 2002.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-24 ta' Jannar 2003 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. G. Pace Spadaro ghall-Korporazzjoni attrici u nforma l-Qorti li l-bandi nhargu. Il-kawza giet differita ghall-14 ta' April 2003 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Rat ir-rikors tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma datata 15 ta' Mejju 2002 a fol. 139 tal-process fejn ir-rikorrenti talab lill-Qorti joghgobha tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-imsemmija Louise Russell fl-atti ta' din il-kawza u fl-atti l-ohra kollha relattivi u sussegwenti.

Rat id-digriet ghar-rikors tal-15 ta' Mejju 2002, il-bandi mahruga u r-riferta tal-Marixxall u billi ma deher hadd biex jaccetta l-kurazija, il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Geoffrey Valenzia nnominat lil Dr. Vincent Galea u lill-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat l-ordni tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tad-9 ta' April 2003 u l-verbali tas-seduta mizmuma fl-4 ta' Gunju 2003 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Mark Attard Montalto ghall-konvenuti. Deher il-konvenut Joseph Bugeja. Sussegwentement deher Dr. Guido Pace Spadaro ghall-Korporazzjoni attrici. Il-kawza giet differita ghan-notifika tal-kuraturi ghas-17 ta' Ottubru 2003.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Dr. Vincent Galea u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud datata 7 ta' Lulju 2003 a fol. 152 tal-process fejn eccipew:

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw minn issa d-dritt taghhom li jressqu dawk l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti kuraturi *nomine* a fol. 153 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument esebit li huwa immarkat bhala Dok “A” kif indikat a fol. 154 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-17 ta’ Ottubru 2003 u tad-19 ta’ Novembru 2003 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Joseph Schembri ghall-konvenuta Louise Russell. Il-kawza giet posposta. Il-kawza regghet issejhet u dehru Dr. Guido Pace Spadaro ghall-Korporazzjoni attrici u Dr. Edward Debono ghall-konvenut. Xehed Neville Young prodott mill-Korporazzjoni attrici. Il-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi attrici ghas-17 ta’ Frar 2004; u tas-17 ta’ Frar 2004 (fol. 170) fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd ghall-Korporazzjoni attrici. Dehru wkoll Dr. Vince Galea bhala kuratur. Peress li ma deher hadd mis-socjeta` attrici u peress li l-kawza tirrisali mill-1992, il-Qorti ddikjarat li l-provi attrici maghluqa. Xehed Joseph Bugeja minn jeddu u bil-gurament. Sussegwentement deher Dr. Guido Pace Spadaro ghall-korporazzjoni attrici. Il-Qorti awtorizzat li sas-seduta li jmiss il-Korporazzjoni attrici tipprezenta dokumenti li huma l-applikazzjoni ghas-servizzi ta’ l-elettriku u l-ilma. Il-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi konvenuti u produzzjoni dokumenti ghas-16 ta’ Marzu 2004; tas-16 ta’ Marzu 2004; tat-30 ta’ April 2004; tat-8 ta’ Gunju 2004; u tat-19 ta’ Ottubru 2004 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Guido Pace Spadaro ghall-atturi u Dr. Attard Montalto ghall-konvenut Bugeja u Dr. Joseph Schembri ghall-konvenuta Russell. Il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi biex tigbor il-provi li fadal. Il-kawza giet differita ghall-11 ta’

Jannar 2005 ghal prezentata ta' l-affidavits tal-konvenuti u provi ohra; u tal-11 ta' Jannar 2005.

Rat in-nota tal-konvenut Joseph Bugeja datata 24 ta' Jannar 2005 a fol. 182 tal-process li biha nforma lill-Qorti illi da parti tal-konvenut Joseph Bugeja huwa m'ghandu ebda provi ohra ghajr li jaghmel kontro-ezamijiet, senjatament tal-konvenuta Russell, li qieghda barra l-pajjiz.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi ta' l-1 ta' Marzu 2005 li giet ikkancellata minn Dr. J Schembri; tal-11 ta' Marzu 2005 li giet ikkancellata minn Dr. Vincent Galea; u tas-17 ta' Marzu 2005.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-22 ta' Marzu 2005 u tas-27 ta' Mejju 2005.

Rat in-nota tal-konvenuta Louise Russell datata 31 ta' Mejju 2005 a fol. 195 tal-process fejn permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess.

Rat in-nota tal-konvenut Joseph Bugeja datata 2 ta' Gunju 2005 a fol. 197 tal-process li biha nforma lill-Qorti li huwa rcieva kopja ta' l-affidavit ta' Louise Russell tat-23 ta' Mejju 2005 izda jzomm ferm id-dritt tal-kontro-ezami ghall-istess Louise Russell.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-14 ta' Ottubru 2005 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Mark Attard Montalto ghall-konvenut u Dr. J Schembri ghall-konvenuta Russell. Dr. Schembri nforma lill-Qorti li hemm possibbilta` li l-konvenuta Russell tigi Malta ghall-vaganzi u mpenja ruhu li jinforma lill-Qorti u lid-difensuri tal-kontro-parti meta l-klijenta tieghu tkun gejja Malta. Il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju li jkun imissu t-turn dakinhar biex jisma' l-kontro-ezami tal-konvenuta Russell. Kellu jigi relevat illi fil-mument l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi ser tkun assenti

ghal xi xhur. Il-kawza giet differita ghal dan l-iskop ghad-9 ta’ Dicembru 2005; u tad-9 ta’ Dicembru 2005.

Rat l-ordni ta’ din il-Qorti tal-25 ta’ Jannar 2006 u l-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-istess Qorti hekk illum presjeduta tat-8 ta’ Marzu 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Joseph Schembri ghall-konvenuta Russell u Dr. Mark Attard Montalto ghall-konvenut Bugeja, u Dr. Neville Young ghall-Korporazzjoni attrici. Dr. Schembri ddikjara li l-konvenuta Louise Russell, li hu jippatrocinaha, ma jafx meta gejja Malta. Il-Qorti staqsiet lil Dr. Schembri jekk hux possibbli li jsir kontro-ezami tal-konvenuta hawn Malta. Dr. Schembri ddikjara li ma jafx meta gejja Malta l-istess patrocinata pero` jaf li ghandha tigi. Dr. Mark Attard Montalto nforma lill-Qorti li ser jaghmel rikors fejn talab l-isfilz ta’ l-affidavit tal-konvenuta Russell u l-Qorti tatu ghaxart ijiem (10) zmien biex jaghmel l-istess rikors. Deher li f’din il-kawza kull ma kien baqa’ li jsir kien il-kontro-ezami tal-konvenuta Russell. Il-Qorti rrilevat li din il-kawza ilha pendenti minn 1992. Deher ukoll Dr. Vincent Galea bhala kuratur. Il-kawza giet differita biex jinghata digriet fuq l-istess u *occorrendo* finali trattazzjoni ghat-18 ta’ Mejju 2006.

Rat ir-rikors ta’ Joseph Bugeja datat 10 ta’ Marzu 2006 a fol. 207 tal-process fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tisfilza l-affidavit ta’ l-imsemmija Louise Russell, u fin-nuqqas li l-Qorti ma tawtorizzax u ma takkordax tali talba tar-rikorrenti, r-rikorrenti talab li l-ispejjez ghall-procedura ta’ ittri rogatorji ghandhom jigu sofferti nternament mill-konvenuta kjamata in kawza Louise Russell, u depozitu ta’ somma flus sufficjenti ghandha tigi depozitata mill-konvenuta Louise Russell sabiex l-esponenti Joseph Bugeja jkun jista’ jipprocedi bil-procedura ta’ ittri rogatorji, u dan taht dawk il-provedimenti opportuni li din l-Onorabbli Qorti tidher li huma xierqa fic-cirkostanzi; u l-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien ghaxart ijiem (10) ghar-risposti.

Rat ir-risposti ta’ l-atturi reletati mar-rikors tal-konvenut tal-10 ta’ Marzu 2006 fejn il-Qorti cahdet it-talba f’dak l-istadju, b’dan li r-rikorrenti jadotta l-procedura moghtija fil-

ligi, u dan b'digriet moghti fil-25 ta' April 2006 kif jidher a fol. 219 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tat-18 ta' Mejju 2006; tal-25 ta' Ottubru 2006; u tal-14 ta' Novembru 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Vincent Galea bhala kuratur deputat. L-atturi u d-difensuri taghhom issejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita *Sine Die*.

Rat ir-rikors tal-Korporazzjoni attrici *pro et nomine* datata 15 ta' Novembru 2006 a fol. 224 tal-process fejn l-esponenti talbet lil din il-Qorti joghgobha tordna r-riappuntament tal-kawza odjerna sabiex din tkun tista' tkompli tigi deciza; u l-Qorti ordnat qabel xejn lill-Korporazzjoni attrici biex fi zmien ghaxart ijiem (10) tiddikjara b'nota xi provi fadal jitressqu bl-affidavit u *viva voce*, u fi kwalunkwe kaz tiddikjara bl-istess nota x'baqa' jsir fil-kawza, inkluz jekk hux dispost jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet.

Rat in-nota tal-Korporazzjoni attrici datata 24 ta' Novembru 2006 a fol. 228 tal-process. Il-Qorti regghet rat ir-rikors datat 15 ta' Novembru 2006 fejn laqghet it-talba u rriappuntat il-kawza ghas-smiegh ghall-finali trattazzjoni ghat-30 ta' Jannar 2007.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Jannar 2007 a fol. 231 tal-process fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Guido Pace Spadaro ghas-socjeta` attrici u Dr. Mark Montalto ghall-konvenut Bugeja prezenti. Il-konvenut Bugeja prezenti ta ruhu b'notifikat bl-avviz tar-riappuntament tal-kawza. Deher il-Kuratur Dr. Vincent Galea. Id-difensuri prezenti trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-14 ta' Marzu 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza ghall-hlas ta’ l-ammont ta’ Lm728.11,4 ghal servizz ta’ ilma u elettriku u kiri tal-*meters* ta’ l-istess ghall-fond “Villa Russell”, Torreggiani Gardens, High Ridge St. Andrews ghall-perjodu bejn il-5 ta’ Awissu 1983 sat-23 ta’ Novembru 1984 u l-istess kont fil-konfront tal-konvenut Joe Bugeja, indikat bhala *registered consumer* fl-*Account Number* 515/13471 datat 26 ta’ Novembru 1987 a fol. 10 tal-process bhala Dok. “A”.

Illi jinghad fic-citazzjoni attrici li saru ittri ufficjali fil-11 ta’ Marzu 1987 li giet notifkata lill-konvenut Bugeja fl-14 ta’ Marzu 1987 (Dok. “B” – fol. 56) u 15 ta’ Ottubru 1990 (Dok. “A” – fol 51) li giet notifikata lill-konvenut Bugeja fit-22 ta’ Mejju 1991. Saret notifika wkoll ta’ l-istess lil Louise Russell.

Illi b’sentenza datata 2 ta’ Gunju 1986 dwar l-istess kont minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-kompjant Onorevoli Mhallef Joseph A. Herrera fl-ismijiet **“*Manager* tad-Dipartiment ta’ l-Ilma f’isem l-istess dipartiment u ghan-nom ta’ l-Enemalta vs Roy Alexander Russell”** l-kawza attrici giet michuda fil-konfront tal-konvenut hemm indikat.

Illi l-kjamat in kawza Louise Russell b’verbal ta’ Dr. Joseph Schembri datat 9 ta’ Novembru 1994 irtira l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni abbazi ta’ l-**artikolu 2156 (f)** u eccepixxa dik abbazi ta’ **l-artikolu 2149 (e) tal-Kap 16** li formalizza permezz ta’ nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri fil-11 ta’ Novembru 1994. L-istess ghamel il-konvenut Bugeja b’eccezzjoni ulterjuri tieghu datata 3 ta’ Marzu 1995 (fol. 69). B’sentenza datata l-1 ta’ Marzu 1996 ta’ din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri tali eccezzjoni ta’ preskrizzjoni a bazi ta’ l-**artikolu 2149 (e)** giet michuda u dan peress li kkonstat li tali preskrizzjoni ma kenitx tapplika ghall-kaz in ezami –

izda kienet tapplika minflok dik abbazi ta' l-**artikolu 2149 (2) tal-Kap 16.**

Illi dwar provi jirrizulta li ghalkemm il-konvenut Joseph Bugeja ma huwiex il-proprjetarju ta' l-istess fond fejn hemm tali *meters* relattivi tad-dawl u ilma, jidher li mill-atti relattivi esebiti li l-applikazzjoni sabiex tali servizzi jigu nstallati fl-istess post kienet saret fuq ismu u dan kif jidher mid-dokument esebit bhala Dok. "AB 2" a fol. 158 tal-process; b'konsegwenza ta' dan l-istess kontijiet ta' konsum sad-data ndikata fic-citazzjoni attrici baqghu hergin fuqu; dan jinsab ikkonfermat mill-fatt l-istess kont kien baqa' intestat fuqu ghall-konsum ghall-perjodu ndikat fic-citazzjoni attrici u dan kif jidher ukoll minn Dok. "A" (fol. 10 tal-process). Ghalkemm il-konvenut Joseph Bugeja jghid li huwa kien biss kuntrattur u ma uza xejn mill-konsum ta' l-istess jirrizulta mill-atti li huwa kien li applika ghall-istess servizz u baqa' hekk jidher ghall-perjodu li ghalih jirreferi l-istess kont u dan minkejja l-fatt li wara dan iz-zmien kollu li damet din il-kawza dokument iffirmat mill-konvenut ma hemmx; izda jinghad li fid-dokument "AB 3" li hija ittra ta' l-Avukat Dr. Mark Fenech indirizzata lill-Avukat Generali, tali ittra datata 10 ta' Ottubru 1997 u li tinsab a fol. 159 tal-process jirrizulta li ma hemm ebda dubju li l-istess konvenut kien il-persuna li applikat ghal tali servizz ta' dawl u ilma fil-fond in kwistjoni u bhala tali kienet u baqghet ghall-perjodu relattiv citat fic-citazzjoni attrici bhala l-konsumatur registrat.

Illi fil-fat fl-istess ittra jinghad li:-

*"Il-klijent tieghi qatt ma kien proprjetarju tal-fond imsemmi u l-unika konnessjoni tieghu ma' l-istess hi li kien ha hsieb sabiex japplika ghad-dawl u ilma meta l-istess fond kien qed jinbena u dan fl-assenza minn Malta tas-Sinjura Russell".*

Illi fil-fatt il-kjamata fil-kawza Louise Russell assumiet mal-Korporazzjoni r-responsabbilta' tal-konsum biss b'effett mit-23 ta' Novembru 1984 il-quddiem u dan kif jidher car mill-ittra datata 3 ta' Dicembru 1984 indirizzata mill-Avukat taghha Dr. Michael Refalo mibghuta lill-*Manager* tal-*Water*

& *Electricity Department* u esebita bhala Dok. “AB 4” a fol. 160 tal-process. L-istess sar minnha personalment b’ittra datata 7 ta’ Dicembru 1984 – Dok. “AB 5” a fol. 5 tal-process. Dan kollu jinsab ikkonfermat mid-dikjarazzjoni ta’ Neville Young u x-xhieda ta’ Neville Young datata 19 ta’ Novembru 2003.

Illi l-istess konvenut fix-xhieda tieghu qal li huwa qatt ma utilizza l-istess fond u jghid li tali konsum kien sar mill-konjugi Russell, u li qatt ma hallas l-ebda kont huwa. Izda jidher li din il-parti tax-xhieda tal-konvenut hija wkoll kontrastanti ma’ dak li huwa ressaq bhala prova tieghu u cjoe’ s-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc fuq citata - fejn l-istess Korporazzjoni kienet ghamlet kawza fuq l-istess kont lil Roy Alexander Russell li gie mehlus milli jhallas l-istess kont ghar-ragunijiet hemm indikati fl-istess sentenza – pero’ fl-istess decizjoni, li anke l-konvenut irrefera ghaliha, jinghad li l-istallazzjoni ta’ l-istess servizzi saret fl-1980 u l-kontijiet tad-dawl u ilma baqghu jithallsu mill-kuntrattur, li bena d-dar, sal-5 ta’ Awissu 1983, appuntu l-konvenut Joseph Bugeja. Minn dan u mill-kumpless tal-provi prodotti jirrizulta lil din il-Qorti li l-istess konvenut kien applika u baqa’ registrat bhala konsumatur ta’ tali servizzi ghall-perjodu ndikat fic-citazzjoni attrici u ma ghamel xejn sabiex ma jibqax hekk registrat u ghalhekk l-istess talba attrici fil-konfront tal-konvenut Bugeja qed tigi milqugha. Kien biss b’effett mid-data ndikata fl-ittra tal-kjamata in kawza Louise Russell datata 7 ta’ Dicembru 1984 li c-cirkostanzi nbidlu u l-istess kjamata in kawza accettat ir-responsabbilta’ ta’ l-istess konsum, pero’ ghall-perjodu li ma huwiex il-mertu tal-kawza odjerna. F’dan il-kuntest ukoll u fuq ix-xhieda hawn indikata din il-Qorti thoss li l-kjamata fil-kawza ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju – l-affidavit taghha datat 23 ta’ Mejju 2005 jikkonferma wkoll dan u mill-provi prodotti f’din il-kawza jinghad li t-talba attrici ma gietx ippruvata fil-konfront ta’ l-istess kjamata fil-kawza.

Illi minn dan kollu jirrizulta li kontra dak eccepiet minnu fit-tieni eccezzjoni tieghu, l-konvenut Bugeja fil-fatt kien il-konsumatur registrat tal-fond in kwistjoni.

Illi ghalhekk f'dan il-kuntest t-talba attrici ghanda tigi milqugha fil-konfront tal-konvenut Bugeja.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li fir-rigward ta' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni abbazi ta' **l-artikolu 2149 (e) tal-Kap 16** tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet premessi ta' din il-Qorti diversament presjeduta datata l-1 ta' Marzu 1996 fejn l-istess eccezzjoni giet michuda, u fil-waqt li tasjteni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tal-kjamata fil-kawza Louise Russell fejn ecceppew rispettivament il-preskrizzjoni a bazi ta' l-**artikolu 2156 (f)** u dan *stante* li l-istess konvenut u kjamata fil-kawza kienu rtiraw l-istess b'verbal datat 9 ta' Novembru 1994 (fol. 62), u fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut Joseph Bugeja, u fil-waqt li tichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-kjamata fil-kawza Louise Russell peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, **tilqa' t-talba attrici fil-konfront tal-konvenut Joseph Bugeja** b'dan illi:-

2. Tikkundanna lill-konvenut Joseph Bugeja biex ihallas lill-attur *nomine* somma ta' seba' mija, tmienja u ghoxrin lira Maltin, hdax-il centezmu u erba' millezmi (Lm728.11,4).

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tal-11 ta' Marzu 1987 u tal-15 ta' Ottubru 1990, u bl-imghax legali mid-data ta' 14 ta' Marzu 1987 sa l-effettiv pagament kontra l-konvenut, b'dan li l-ispejjez tal-kjamati fil-kawza, nkluzi tal-kuraturi deputati ghandhom jigu sopportati mill-istess Korporazzjoni attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------